# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 22 ta' Frar tas-sena 2001.**

**Numru 7**

**Avviz numru 6/2001/SM**

**Maria Assunta Camilleri**

**vs**

**Hassan u Fatima konjugi Askan**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tal-atturici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' seba'mija hamsa u tletin lira Maltin u hamsa u erbghin centezmu (LM735.45) rapprezentanti in kwantu ghall-LM435.45 bhala kera gravanti fuq il-fond Jim House, Triq id-Dwieli, Burmarrad ghall-perjodu minn Awissu sa Novembru 2000, u in kwantu ghall-LM300 rapprezentanti hsarat ikkagunati fl-istess fond meta dan kien mikri lilhom;**

**Bl-ispejjez inkluzi tal-ittra legali datata 13 ta' Novembru 2000 u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tal-attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art 698 (2) u 702 Proc Civili);**

**Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenuti naqsu u ma deherux, la fit-13 ta' Frar tas-sena 2001 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenuti.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**